SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

19 ta' Jannar 2016*

"Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-proġetti li jirrigwardaw switchgear iżolat bil-gass — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament parzjali tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali — Multi — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Drittijiet tad-difiża — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Żball ta' evalwazzjoni — Ammont inizjali — Livell ta' kontribuzzjoni għall-ksur — Koeffiċjent ta' dissważjoni"

Fil-Kawża T-409/12,

Mitsubishi Electric Corp., stabbilita f'Tokjo (Il-Ġappun), irrappreżentata minn R. Denton, J. Vyavaharkar, R. Browne, L. Philippou, M. Roald, J. Robinson, solicitors, u K. Haegeman, avukat,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn N. Khan u P. van Nuffel, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett, prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4381, tas-27 ta' Ġunju 2012, li temenda d-Deċiżjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (li sar l-Artikolu 101 TFUE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sal-punt li kienet indirizzata lil Mitsubishi Electric Corp. u Toshiba Corp. (Kawża COMP/39.966 – Switchgear Iżolat bil-Gass – Multi), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti, u sussidjarjament, talba għall-emenda tal-Artikolu 1 tal-istess deċiżjoni sabiex jiġi revokat, jew fin-nuqqas ta' dan, talba għat-tnaqqis tal-ammont ta' multa imposta fuq ir-rikorrenti,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, I. Pelikánová (Relatur) u E. Buttigieg, Imħallfin,

Reġistratur: S. Spyropoulos, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' April 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Mitsubishi Electric Corp., hija kumpannija Ġappuniża attiva f'diversi setturi u, b'mod partikolari, fil-qasam tas-switchgear iżolat bil-gass (iktar 'il quddiem is-"SIG"). Bejn Ottubru 2002 u April 2005, l-attività tagħha fil-qasam tas-SIG kienet eżerċitata minn impriża konġunta, jiġifieri TM T & D Corp., li tagħha hija kienet proprjetarja, f'ishma ndaqs, ma Toshiba Corp. u li ġiet xolta fl-2005.

2 Fl-24 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat id-Deċiżjoni C (2006) 6762 finali dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/F/38.899 – Switchgear Iżolat bil-Gass) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-2007").

3 Fid-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni kkonstatat li ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kien jeżisti fis-suq tas-SIG taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) bejn il-15 ta' April 1988 sal-11 ta' Mejju 2004 u imponiet fuq id-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni, li kienu produtturi Ewropej u Ġappuniżi tas-SIG, multi li l-ammont tagħhom ġie kkalkolat skont il-metodoloġija esposta fil-Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"linji gwida għall-kalkolu tal-multi") kif ukoll fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155).

4 Il-ksur imsemmi mid-Deċiżjoni tal-2007 kien fih tliet elementi essenzjali:

— ftehim iffirmat fi Vjenna fil-15 ta' April 1988 (iktar 'il quddiem il-"ftehim GQ") li kellu bħala suġġett l-allokazzjoni ta' proġetti relatati mas-SIG fuq livell mondjali skont regoli miftiehma sabiex iżommu l-kwoti jirriflettu prinċipalment ishma tas-suq storiċi stmati; il-ftehim, li kien applikabbli għad-dinja kollha, ħlief l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ġappun u 17-il pajjiż tal-Ewropa tal-Punent, kien ibbażat fuq l-allokazzjoni ta' "kwota konġunta Ġappuniża" għall-produtturi Ġappuniżi u ta' "kwota konġunta Ewropea" għall-produtturi Ewropej;

— arranġament parallel (iktar 'il quddiem l-"arranġament komuni") skont liema, minn naħa, il-proġetti relatati mas-SIG li jinsabu fil-Ġappun u fil-pajjiżi ta' membri Ewropej tal-akkordju (iktar 'il quddiem il-"pajjiżi kostrutturi") kienu rriżervati rispettivament, għall-membri Ġappuniżi u għall-membri Ewropej tal-kartell u, min-naħa l-oħra, il-proġetti relatati ma' SIG li jinsabu fil-pajjiżi l-oħra Ewropej kienu wkoll riżervati għall-grupp Ewropew, peress li l-produtturi Ġappuniżi impenjaw ruħhom li ma jissottomettux offerti għal proġetti li jinsabu fl-Ewropa; madankollu, bi skambju għal dan l-impenn, proġetti bħal dawn kellhom jiġu nnotifikati lill-grupp Ġappuniż u attribwiti fuq il-"kwota konġunta Ewropea" prevista fil-ftehim GQ (iktar 'il quddiem in-"notifika" u l-"kontabbiltà");

— ftehim iffirmat fi Vjenna fil-15 ta' April 1988 u intitolat "E-Group Operation Agreement for GQ-Agreement" (iktar 'il quddiem il-"ftehim EQ"), iffirmat mill-membri tal-grupp Ewropew ta' produtturi u li kellu bħala suġġett it-tqassim tal-proġetti relatati mas-SIG assenjati lill-imsemmija grupp taħt il-ftehim GQ.

5 Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fil-ksur matul il-perijodu mill-15 ta' April 1988 sal-11 ta' Mejju 2004.

6 Għall-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-2007, ir-rikorrenti ġiet ikkundannata, fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-2007, tħallas multa fl-ammont ta' EUR 118 575 000, li minnhom EUR 4 650 000 kienu jikkorrispondu għall-ksur imwettaq minn TM T & D u kellhom jitħallsu *in solidum* ma' Toshiba.

7 Fit-18 ta' April 2007, ir-rikorrenti ippreżentat rikors kontra d-Deċiżjoni tal-2007.

8 Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni (T-133/07, Ġabra, EU:T:2011:345), minn naħa waħda, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti sa fejn kien intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-2007. Min-naħa l-oħra, hija annullat l-Artikolu 2(g) u (h) tad-Deċiżjoni tal-2007, sa fejn kien jikkonċerna lir-rikorrenti, minħabba li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament billi għażlet, fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, sena ta' referenza għar-rikorrenti li kienet differenti minn dik magħżula għall-parteċipanti Ewropej tal-ksur.

9 Fit-22 ta' Settembru 2011, ir-rikorrenti ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra s-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345).

10 Fil-15 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti ittra li tesponi l-fatti li indikat li kellha l-intenzjoni tadotta deċiżjoni ġdida li timponilha multa (iktar 'il quddiem l-"ittra li tesponi l-fatti"). Il-Kummissjoni esponiet il-fatti li kienu, skontha, rilevanti għall-kalkolu tal-ammont ta' din il-multa, meħud kont tas-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345).

11 Fis-16 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-ittra li tesponi l-fatti.

12 Fit-8 ta' Ġunju 2012 saret laqgħa bejn ir-rappreżentanti tar-rikorrenti u t-tim tal-Kummissjoni inkarigat bil-kawża.

13 Permezz ta' tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4381, tas-27 ta' Ġunju 2012, li temenda d-Deċiżjoni tal-2007 sa fejn ir-rikorrenti u Toshiba kienu destinatarji tagħha (Kawża COMP/39.966 – Switchgear Iżolat bil-Gass – Multi) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-2007 ġie emendat biż-żieda ta' żewġ punti ġodda bl-inċiżi g) u h). Fl-inċiż g), ir-rikorrenti ġiet imposta fuqha multa ta' EUR 74 817 000 bħala unikament responsabbli. Fl-inċiż h) ir-rikorrenti ġiet impost fuqha multa ta' EUR 4 650 000 sabiex tħallas *in solidum* ma' Toshiba.

14 Sabiex tirrimedja t-trattament mhux ugwali kkritikat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), il-Kummissjoni bbażat ruħha, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq id-dħul mill-bejgħ globali tas-SIG għall-2003. Peress li, matul din is-sena, l-attivitajiet fil-qasam tas-SIG tar-rikorrenti Toshiba kienu mwettqa minn TM T&D, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ tagħha għall-2003 (premessi 59 u 60 tad-deċiżjoni kkontestata).

15 Għalhekk, l-ewwel nett, fil-kuntest tat-trattament differenzjat biex jirrifletti l-kontributi rispettivi tad-diversi parteċipanti fl-akkordju, il-Kummissjoni kkalkolat is-sehem tas-suq ta' TM T&D fl-2003 għal dak li jirrigwarda is-SIG (15 sa 20 %) u kklassifikatu fit-tieni kategorija skont il-kategorizzazzjoni stabbilita fil-premessi 482 sa 488 tad-Deċiżjoni tal-2007. Għalhekk, ġie stabbilit ammont inizjali ipotetiku ta' EUR 31 000 000 li ġie attribwit lil TM T&D (premessa 61 tad-deċiżjoni kkontestata).

16 It-tieni nett, sabiex jirrifletti l-kapaċità mhux ugwali tar-rikorrenti u Toshiba biex jikkontribwixxu għall-ksur għall-perijodu qabel il-ħolqien ta' TM T&D, l-ammont inizjali tal-multa ta' din tal-aħħar tqassam fost l-azzjonisti tagħha fil-proporzjon tal-bejgħ rispettiv tagħhom ta' SIG fl-2001, l-aħħar sena sħiħa qabel il-ħolqien ta' TM T&D. Għalhekk, ir-rikorrenti ingħatat ammont inizjali ta' EUR 20 136 801 u Toshiba ammont inizjali ta' EUR 10 863 199 (premessi 62 u 63 tad-deċiżjoni kkontestata).

17 It-tielet nett, sabiex jiġi żgurat effett dissważiv tal-multa, il-Kummissjoni applikat koeffiċjent ta' dissważjoni ta' 1.5 lir-rikorrenti, fuq il-bażi tad-dħul mill-bejgħ tagħha għall-2005 (premessi 69 sa 71 tad-deċiżjoni kkontestata).

18 Ir-raba' nett, biex jirrifletti t-tul tal-ksur matul il-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D, l-ammont inizjali tar-rikorrenti żdied b'140 % (premessi 73 sa 76 tad-deċiżjoni kkontestata).

19 Il-ħames nett, sabiex jirrifletti t-tul tal-ksur matul il-perijodu ta' attività ta' TM T&D ir-rikorrenti u Toshiba kien impost, *in solidum*, fuqhom ammont ugwali għal 15 % tal-ammont inizjali ipotetiku ta' TM T&D (premessa 77 tad-deċiżjoni kkontestata).

20 Fl-aħħar, is-sitt nett, l-ammont tal-multa *in solidum* ġie mmultiplikat b'koeffiċjent ta' dissważjoni tar-rikorrenti u l-ammont li jirriżulta minn din il-multiplikazzjoni li jeċċedi l-ammont tal-multa *in solidum* kien impost fuqha fuq bażi individwali (premessa 78 tad-deċiżjoni kkontestata).

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Settembru 2012, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

22 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti rrinunzjat milli tippreżenta replika.

23 Permezz ta' digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Frar 2013, il-proċeduri ġew sospiżi sakemm tingħata sentenza fil-kawża C-489/11 P, Mitsubishi Electric Corp. vs Il-Kummissjoni.

24 Peress li kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali u l-Imħallef Relatur ġie assenjat lill-Ewwel Awla, din il-kawża ġiet għalhekk assenjata lil din l-Awla.

25 Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell imressaq mir-rikorrenti mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345). Il-proċeduri f'dan il-każ, għalhekk, setgħu jitkomplew.

26 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) iddeċidiet, fit-3 ta' Frar 2015, li tiftaħ il-proċedura orali u, bħala parti minn miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991, stiednet lill-partijiet sabiex jippreżentaw dokument u għamlitilhom xi mistoqsijiet bil-miktub. Il-partijiet ikkonformaw mat-talbiet tal-Qorti Ġenerali.

27 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċernaha;

— sussidjarjament, temenda l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tannulla jew, fin-nuqqas ta' dan, tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

28 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala parzjalment manifestament inammissibbli u bħala parzjalment manifestament infondat fid-dritt;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq it-talba prinċipali, intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata

29 Fir-rikors, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi insostenn tat-talba prinċipali tagħha. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-kalkolu tal-koeffiċjent ta' dissważjoni. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità inkwantu l-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-multa tar-rikorrenti bl-istess mod bħall-ammont tal-multi tal-produtturi Ewropej. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball meta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-provi tekniċi u ekonomiċi meta hija evalwat l-impatt tal-imġiba tar-rikorrenti u l-kalkolu tal-ammont tal-multa tagħha. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni tat-tul tal-ksur. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D li kellu jinqasam bejn ir-rikorrenti u Toshiba. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammonti inizjali ta' TM T&D li kellu jinqasam bejn ir-rikorrenti u Toshiba. It-tmien motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni ta' ammont inizjali għar-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D. Id-disa' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet0 tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni ta' ammont inizjali għar-rikorrenti għall-perijodu qabel il-ħolqien ta' TM T&D.

30 Bi tweġiba għall-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti indikat li, wara l-għoti tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 25 hawn fuq (EU:C:2013:866), kienet qed tirtira l-ħames motiv tagħha. Għalhekk, huwa meħtieġ biss li jiġu eżaminati l-ewwel sar-raba' motiv u s-sitta sad-disa' motiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li teżamina, fl-ewwel lok, l-ewwel, is-seba' u d-disa' motivi, li jsemmu l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u l-motivazzjoni tagħha, fit-tieni lok, it-tmien u s-sitt motivi, li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-ammont inizjali tar-rikorrenti b'riferiment għall-ammont ipotetiku inizjali ta' TM T&D, fit-tielet lok, it-tielet u r-raba' motivi, li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni relattiva tar-rikorrenti fil-ksur u, fir-raba' lok, it-tieni motiv, li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' dissważjoni tar-rikorrenti.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

31 Fl-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li, meta kkalkolat l-ammont tal-multa imposta fuqha, il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tad-difiża tagħha.

32 Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, jirriżulta mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-aħjar prattiċi għat-tmexxija tal-proċedimenti li jikkonċernaw l-Artikoli 101 [TFUE] u 102 [TFUE] (ĠU 2011 C 308, p. 6) li, biex tiżdied it-trasparenza, il-Kummissjoni trid tinkludi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew, jekk ikun il-każ, fl-ittra li tesponi l-fatti ċertu numru ta' elementi rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, bħal ċifri rilevanti dwar il-bejgħ.

33 F'dan il-każ, il-metodu tal-kalkolu tal-ammont tal-multa ma huwiex spjegat b'mod ċar fil-premessi 51 sa 58 tad-deċiżjoni kkontestata u għaldaqstant ma setax jiġi mifhum mir-rikorrenti, peress li l-Kummissjoni la spjegat ir-raġunijiet tagħha u lanqas l-istadji essenzjali li hija segwiet. Meta naqset li tagħmel dan, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba.

34 B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex motivata biżżejjed f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, id-daqs tas-suq ġeografiku, it-tieni nett, it-trattament differenzjat, it-tielet nett, id-determinazzjoni tal-ammont inizjali tal-multa ta' TM T&D u l-adegwatezza tagħha u, ir-raba' nett, l-għażla tal-koeffiċjent ta' dissważjoni applikat lilha u l-adegwatezza tiegħu.

35 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li, kemm fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-20 ta' April 2006, mibgħuta fil-kuntest tal-proċeduri li wasslu għad-Deċiżjoni tal-2007 (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-2006"), li fl-iskambji li ppreċedew l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma indikatilhiex li kellha l-intenzjoni tapplika l-koeffiċjent ta' dissważjoni inkluż għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D.

36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

37 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-argumenti tagħha, ir-rikorrenti tfixkel l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma' dawk intiżi għall-allegati difetti ta' motivazzjoni ta' dik id-deċiżjoni tal-aħħar. Peress li dawn l-ilmenti huma separati, għandhom jiġu eżaminati separatament.

– Fuq l-ilmenti għall-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

38 Skont il-ġurisprudenza, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li l-persuna kkonċernata tkun tqiegħdet fil-pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li effettivament tgħarraf l-opinjoni tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq id-dokumenti kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' ksur tat-trattat (sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra, EU:C:2004:6, punt 66).

39 F'dan il-każ, preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, peress li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi espressament deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni tal-2007, il-proċedura tal-adozzjoni tagħha hija estensjoni tal-proċedura li wasslet għad-Deċiżjoni tal-2007. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sakemm dawn ma ġewx ikkontestati mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), kemm id-Deċiżjoni tal-2007 kif ukoll il-miżuri preparatorji li ppreċedew l-adozzjoni tagħha, fosthom id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-2006, jistgħu jitqiesu sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fil-kawża li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

40 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni, kif ġie rrilevat fil-punt 32 iktar 'il fuq, li l-Avviż dwar l-aħjar prattiċi jeħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika lill-kumpanniji kkonċernati numru ta' elementi rilevanti għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, bħal ċifri relatati mal-bejgħ.

41 Mingħajr ma huwa meħtieġ li jiġi eżaminat, f'dan il-kuntest, l-argument tal-Kummissjoni li tikkontesta n-natura obbligatorja tal-Avviż dwar l-aħjar prattiċi, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta mill-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fuq l-ittra li tesponi l-fatti li hija kienet f'pożizzjoni li ssostni l-opinjoni tagħha b'mod iddettaljat, fuq id-diversi stadji tal-kalkolu tal-ammont tal-multa li kienet ser tiġi imposta fuqha. Fir-rigward, b'mod partikolari, taċ-ċifri tal-bejgħ rilevanti, l-imsemmija tweġiba tirreferi b'mod espliċitu kemm għaċ-ċifri tal-bejgħ ta' TM T&D kif ukoll dawk tar-rikorrenti u ta' Toshiba li kienu ser jintużaw fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, li jimplika li r-rikorrenti kienet fil-pożizzjoni li tidentifika l-elementi rilevanti għall-imsemmi kalkolu u li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq dan il-punt.

42 Dan huwa kkorroborat mill-minuti interni tal-Kummissjoni għall-laqgħa tat-8 ta' Ġunju 2012, li tirreferi għad-diskussjonijiet iddettaljati bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni dwar id-diversi stadji tal-kalkolu tal-ammont tal-multa li kienet ser tkun imposta fuq ir-rikorrenti.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti ma stabbilixxietx li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża billi naqset milli tikkomunikalha elementi rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, u b'mod partikolari, ċifri relatati mal-bejgħ.

44 Fit-tieni lok, kif ġie rrilevat fil-punt 35 hawn fuq, ir-rikorrenti tilmenta, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma informathiex li kellha l-ħsieb li tiżgura l-effett disważiv tal-multa billi timponi fuqha ammont addizzjonali tal-multa ta' EUR 2 325 000, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' disważjoni applikabbli għaliha għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D, imsemmi fil-punt 20 (iktar 'il quddiem l-"ammont addizzjonali").

45 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fil-punt 9.2 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-2006, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li timponi multi fuq id-destinatarji tal-imsemmi dokument u invokat, fost il-fatturi ewlenin għad-determinazzjoni tal-ammont ta' dawn il-multi, ir-rieda li jiġi żgurat l-effett disważiv tagħhom.

46 It-tieni nett, fil-premessa 491 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni ddeterminat il-koeffiċjent ta' disważjoni applikabbli għar-rikorrenti. Fil-premessa 503 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni espliċitament sostniet li ammont addizzjonali kkalkulat fuq il-bażi tal-istess koeffiċjent, kien ser ikun impost fuq ir-rikorrenti għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, ir-rikorrenti kienet għalhekk f'pożizzjoni li tifhem li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tiżgura l-effett disważiv tal-multa wkoll fir-rigward tal-perijodu ta' attività ta' TM T&D.

47 It-tielet nett, ma hemm xejn fis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345) li jappoġġja l-fehma li l-għażla tal-Kummissjoni li tiżgura l-effett disważiv tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti wkoll fir-rigward tal-perijodu ta' attività ta' TM T&D kienet illegali jew mhux xierqa, peress li din is-sentenza ma tindirizzax din il-kwistjoni.

48 Ir-raba' nett, jirriżulta mill-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fuq l-ittra li tesponi l-fatti li hija assumiet, abbażi tal-premessi 489 u 503 tad-Deċiżjoni tal-2007, li massimu ta' 15 % tal-ammont inizjali ipotetiku ta' TM T&D kellu jiġi impost bħala multa għall-perijodu ta' attività ta' din tal-aħħar, "bil-premessa li f'każ li jkun [hemm] koeffiċjent ta' disważjoni, hija [tiġi] applikata" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għalhekk, jirriżulta espliċitament mid-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti stess li hija assumiet li l-Kummissjoni kienet ser tapplika fuqha l-koeffiċjent ta' disważjoni għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D, billi timponi fuqha, għalhekk, l-ammont addizzjonali.

49 Il-ħames nett, il-minuti interni tal-Kummissjoni għal-laqgħa tat-8 ta' Ġunju 2012 isemmu b'mod espliċitu li, fl-opinjoni ta' din tal-aħħar, ma kien hemm ebda raġuni biex jinbidlu l-parametri tal-kalkolu tal-ammont tal-multa adottati fid-Deċiżjoni tal-2007 li ma kinux ġew ikkritikati mill-Qorti Ġenerali u l-unika bidla fil-metodoloġija, kellha, konsegwentement, tikkonċerna s-sena ta' referenza. Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-punti 46 u 47 hawn fuq, il-koeffiċjent ta' disważjoni kien applikat mill-Kummissjoni għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D fid-Deċiżjoni tal-2007, mingħajr ma dan l-element ta' kalkolu tal-ammont tal-multa ġie kkritikat, sussegwentement, mill-Qorti Ġenerali.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-pożizzjoni espressa mill-Kummissjoni fil-laqgħa tat-12 ta' Ġunju 2012 tikkorrobora l-elementi l-oħra rilevanti li wrew li kellha l-intenzjoni li tapplika l-koeffiċjent ta' disważjoni għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D u, għalhekk, timponi fuq ir-rikorrenti l-ammont addizzjonali.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li, mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-2006, ir-rikorrenti kienet taf li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tiżgura l-effett dissważiv tal-multa imposta. Għall-inqas mid-Deċiżjoni tal-2007, hija kienet f'pożizzjoni li tifhem li din l-intenzjoni kienet tinvolvi l-impożizzjoni ta' ammont addizzjonali għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D. Din l-intenzjoni ma ġietx ikkontestata mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), u ġiet ikkonfermata mill-ġdid kemm fl-ittra li tesponi l-fatti, kif muri mill-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fuq din l-ittra tal-aħħar, kif ukoll fil-laqgħa tat-12 ta' Ġunju 2012.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti tar-rikorrenti ma jippermettux li jiġi stabbilit li d-drittijiet tad-difiża tagħha kienu ġew miksura fir-rigward tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li timponi fuqha l-ammont addizzjonali.

– Fuq l-ilmenti dwar il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

53 Skont il-ġurisprudenza, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtur tal-att, b'tali mod li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jsiru jafu l-ġustifikazzjoni għall-miżura meħuda sabiex ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom u lill-qorti tal-Unjoni sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, C-338/00 P, Ġabra, EU:C:2003:473, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalkemm, skont l-Artikolu 296 TFUE, il-Kummissjoni hija meħtieġa li ssemmi l-punti ta' fatt u ta' dritt li jikkostitwixxu l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni u l-kunsiderazzjonijiet legali li wassluha tadottaha, din id-dispożizzjoni ma teħtieġx li jiġu diskussi l-punti kollha ta' fatt u ta' dritt li ġew trattati waqt il-proċedura amministrattiva (ara, b'analoġija, is-sentenza Volkswagen vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, EU:C:2003:473, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari skont il-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet (ara s-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra EU:C:1998:154, punt 63, u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-ġurisprudenza preċedenti hija applikabbli, b'analoġija, għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jikkonstataw ksur tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

54 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni kkontestata tipprevedi espliċitament li din hija deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni tal-2007, rigward multi imposti fuq ir-rikorrenti u Toshiba. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni tal-2007, sa fejn din ma ġietx milquta mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), u ma ġietx kontradetta mill-kliem tad-deċiżjoni kkontestata, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi eżaminat dan il-motiv.

55 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-argument introduttorju tar-rikorrenti, espress fil-punt 32 hawn fuq, li l-metodu tal-kalkolu tal-ammont tal-multa ma huwiex spjegat b'mod ċar u għalhekk ma jistax jiġi mifhum minnha, huwa ġenerali wisq sabiex ikun is-suġġett ta' reviżjoni u, għalhekk huwa inammissibbli skont l-Artikolu 44(1)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, applikabbli fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors preżenti (ara d-digriet tas-7 ta' Settembru 2010, Norilsk Nickel Harjavalta u Umicore vs Il-Kummissjoni, T-532/08, Ġabra, EU:T:2010:353, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fi kwalunkwe każ, eżami globali tal-motivazzjoni tal-kalkolu tal-ammont tal-multa fid-deċiżjoni kkontestata ma jurix li din hija insuffiċjenti jew inkonsistenti, peress li l-Kummissjoni spjegat id-diversi fatturi kkunsidrati u d-diversi operazzjonijiet intermedji tal-kalkolu.

57 L-ewwel nett, rigward l-argumenti l-iktar konkreti, ir-rikorrenti ssostni li, minkejja l-indikazzjoni fil-premessa 55 tad-deċiżjoni kkontestata li d-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti huwa meħud inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, il-punt tal-istess deċiżjoni dwar il-gravità

tal-ksur ma jispjegax kif id-daqs tas-suq ġeografiku jiġi ddeterminat u lanqas f'liema stadju huwa ttieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-gravità. F'dan ir-rigward, l-unika indikazzjoni li l-attivitajiet legali jkopru ż-ŻEE kollha ma hijiex biżżejjed.

58 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif issostni l-Kummissjoni, mis-sentenza introduttorja tal-premessa 56 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-konstatazzjonijiet relattivi għall-gravità tal-ksur huma mwettqa "fid-dawl tal-fatti stabbiliti" fid-Deċiżjoni tal-2007. Jirriżulta mill-premessa 478 ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar li s-suq ġeografiku rilevanti huwa s-suq taż-ŻEE u li d-daqs ta' dan is-suq fl-2003, iddeterminat skont id-data kkomunikata mill-impriżi kkonċernati, kien ta' madwar EUR 32 000 000, mingħajr ma dawn il-konstatazzjonijiet ġew imminati mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345). Barra minn hekk, jirriżulta ċar mill-premessa 483 tad-Deċiżjoni tal-2007 li d-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti kien ġie kkunsidrat meta ġew ddeterminati l-ammonti inizjali applikabbli għall-impriżi differenti.

59 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li t-trattament differenzjat ma huwa bbażat fuq ebda spjegazzjoni ċara u preċiża, billi d-deċiżjoni kkontestata ma tispjegax kif id-dħul mill-bejgħ mondjali kien intuża sabiex jiġu ddeterminati l-gruppi inklużi fid-Deċiżjoni tal-2007. Barra minn hekk, il-premessa 61 tad-deċiżjoni kkontestata tirreferi għall-premessa 484 tad-Deċiżjoni tal-2007, li tirreferi għar-rilevanza tal-valur tas-suq fiż-ŻEE. Skont ir-rikorrenti, tali riferiment huwa vvizzjat bl-assenza ta' indikazzjonijiet dwar id-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti, imsemmi fil-punt 57 hawn fuq.

60 F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, jirriżulta mill-premessi 57 sa 61 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 483 sa 488 tad-Deċiżjoni tal-2007, li d-dħul mill-bejgħ mondjali tal-2003 tad-diversi impriżi kkonċernati, fosthom dak ta' TM T&D, intuża biex jiġi kkalkolat is-sehem tagħhom mis-suq dinji, skont liema kienu kklassifikati fi gruppi b'ammonti inizjali differenti. Tali raġunament huwa suffiċjenti fir-rigward tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 hawn fuq.

61 Min-naħa l-oħra, sa fejn ġie kkonstatat, fil-punt 58 hawn fuq, li l-Kummissjoni kienet immotivat biżżejjed fid-dritt il-firxa u d-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti, l-argument imsemmi fil-premessa 61 tad-deċiżjoni kkontestata u l-premessa 484 tad-Deċiżjoni tal-2007 huwa bbażat fuq premessa żbaljata u ma jistax għalhekk jiġi milqugħ.

62 It-tielet nett, skont ir-rikorrenti, la d-Deċiżjoni tal-2007 u lanqas id-deċiżjoni kkontestata ma fihom spjegazzjoni dwar kif l-ammont inizjali ta' TM T&D ġie kkalkolat u r-raġunijiet għaliex huwa xieraq. Għalhekk, sal-punt fejn l-ebda informazzjoni ma ġiet ipprovduta dwar l-għażla tal-ammont korrett, dan tal-aħħar jidher arbitrarju. Ir-rikorrenti ssostni, barra minn hekk, li r-riferiment għall-valur tas-suq fiż-ŻEE li jinsab fil-premessa 484 tad-Deċiżjoni tal-2007 huwa infondat għar-raġunijiet spjegati fil-punt 57 hawn fuq.

63 F'dan ir-rigward, fil-premessi 57 sa 61 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li, l-ksur ikkonċernat huwa tant serju, li kien xieraq li jiġi applikat trattament differenzjat sabiex jirrifletti l-kapaċità mhux ugwali tal-impriżi differenti li jikkawżaw ħsara sinjifikanti lill-kompetizzjoni. Kif intqal fil-punt 61 hawn fuq, hija ddeċidiet li dan it-trattament differenzjat kellu jieħu l-forma ta' kategorizzazzjoni ta' ammonti inizjali bbażati fuq dħul mill-bejgħ mondjali relatat mas-SIG għal 2003. Filwaqt li rreferiet għall-kategorizzazzjoni stabbilita fil-premessi 484 sa 488 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni rrilevat, fil-premessa 61 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-dħul mill-bejgħ mondjali ta' TM T&D għas-SIG kien iqegħidha fit-tieni kategorija u dan jimplika li l-ammont inizjali ipotetiku tagħha kien ta' EUR 31 000 000.

64 Il-premessa 483 tad-Deċiżjoni tal-2007 tippreċiża barra minn hekk li l-kategoriji ġew stabbiliti sabiex id-differenzi bejn l-ishma tas-suq tas-SIG tal-impriżi fl-istess kategorija ikunu inqas importanti mid-differenzi meta mqabbla mal-ishma tas-suq tal-impriżi imqiegħda f'kategoriji differenti.

65 F'dan il-kuntest, jirriżulta wkoll mill-punt 1 A tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi li, fir-rigward tal-ksur l-iktar serju, l-ammont inizjali possibbli kien jaqbeż EUR 20 000 000.

66 Dawn l-elementi huma tali li jippermettu lir-rikorrenti tifhem l-elementi ta' evalwazzjoni li ppermettew lill-Kummissjoni tiddetermina l-gravità tal-ksur li hija wettqet, li jimplika li l-Kummissjoni rrispettat l-obbligu ta' motivazzjoni li kellha fuqha u b'mod partikolari, ma kienx meħtieġ li hija tinkludi fid-deċiżjoni kkontestata spjegazzjoni iktar dettaljata jew ċifri dwar id-determinazzjoni eżatta tal-ammont inizjali ta' TM T&D (ara f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, T-236/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, Ġabra, EU:T:2004:118, punt 252).

67 Barra minn hekk, anki jekk il-Kummissjoni ma tindikax fid-deċiżjoni kkontestata għaliex hija għażlet iċ-ċifra preċiża ta' EUR 31 000 000 għall-impriżi kklassifikati fit-tieni kategorija, fosthom TM T&D, din l-għażla ma tistax tiġi kkwalifikata bħala arbitrarja u ma taqbiżx il-limiti tas-setgħa diskrezzjonarja li hija għandha f'dan il-qasam (ara, b'analoġija, is-sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 66 hawn fuq, EU:T:2004:118, punt 224), peress li hija limitata mill-elementi stabbiliti fil-punti 63 sa 65 hawn fuq.

68 Rigward l-argument li r-referenza għall-valur tas-suq fiż-ŻEE fil-premessa 484 tad-Deċiżjoni tal-2007, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-punti 58 u 61 hawn fuq.

69 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni la mmotivat l-għażla tal-koeffiċjent ta' dissważjoni tagħha u lanqas ir-raġunijiet għaliex kien xieraq li japplika għaliha l-imsemmi koeffiċjent ukoll għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D, bil-konsegwenza li ġie impost fuqha l-ammont addizzjonali.

70 F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, jirriżulta mill-punti 310 sa 317 tas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens vs Il-Kummissjoni (T-110/07, Ġabra, EU:T:2011:68), li, fil-premessa 491 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni spjegat b'mod suffiċjenti fid-dritt l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fiż-żieda tal-ammonti inizjali tal-multi bħala deterrent. Peress li din il-konstatazzjoni tapplika għall-koeffiċjent ta' dissważjoni impost fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi konkluż li din tal-aħħar kienet f'pożizzjoni li tkun taf il-ġustifikazzjoni għal din iż-żieda fir-rigward tal-ammont inizjali tal-multa u li tasserixxi d-drittijiet tagħha u li l-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni li teżerċita l-istħarriġ tagħha.

71 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tipprovdi motivazzjoni speċifika għall-għażla tagħha tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' dissważjoni lir-rikorrenti għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D. Fil-fatt, peress li l-Kummissjoni attribwixxiet ir-responsabbiltà tal-attivitajiet ta' TM T&D lir-rikorrenti, l-intenzjoni tagħha li tiżgura n-natura dissważiva tal-multa imposta fuq din tal-aħħar, espressa fil-premessi 69 sa 71 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessa 491 tad-Deċiżjoni tal-2007, tinvolvi l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' dissważjoni wkoll meta mqabbla ma' dan l-istess perijodu u, konsegwentement, l-impożizzjoni tal-ammont addizzjonali.

72 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, huwa meħtieġ li jiġu miċħuda l-ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbiliti fil-kuntest tal-ewwel motiv kif ukoll l-ilment, fil-kuntest tal-istess motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-amministrazzjoni t-tajba, li ma huwiex sostnut minn argumenti indipendenti.

73 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D biex jinqasmu bejn ir-rikorrenti u Toshiba

74 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni meta naqset milli tagħti raġunijiet għaliex kien xieraq li taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D bejnha u Toshiba skont il-proporzjon ta' bejgħ ta' SIG mwettaq minn kull waħda minnhom fl-2001. Fil-fatt, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata tindika li ma hemmx bżonn li l-ammont inizjali ta' TM T&D jinqasam skont il-holding taż-żewġ azzjonisti tagħha, hija ma tispjegax għaliex huwa meħtieġ li jirrifletti s-sitwazzjonijiet rispettivi ta' dawn tal-aħħar fl-2001 jew f'data preċedenti, filwaqt li dan l-approċċ ma jikkorrispondix mal-metodoloġija ġenerali tad-Deċiżjoni tal-2007 u tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas ma ġie applikat fil-każ ta' Schneider Electric SA (iktar 'il quddiem "Schneider") rigward il-parteċipazzjoni tagħha f'VAS, impriża konġunta ma' VA Tech. L-assenza ta' spjegazzjoni tad-differenza fit-trattament bejn ir-rikorrenti u Schneider jinvolvi, barra minn hekk, ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

75 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

76 L-ewwel nett, f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li tfakkar fil-premessi 52 u 57 tad-deċiżjoni kkontestata li, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni trid tikkunsidra l-gravità tal-ksur u tista', fil-każ ta' ksur serju ħafna, tapplika trattament differenzjat ibbażat fuq il-kapaċità ekonomika tad-diversi impriżi li jikkawżaw ħsara serja fuq il-kompetizzjoni.

77 It-tieni nett, ġie kkonstatat fid-Deċiżjoni tal-2007 u mfakkar fil-premessi 1 sa 3 tad-deċiżjoni kkontestata li, għalkemm l-attivitajiet tar-rikorrenti u Toshiba fil-qasam tas-SIG kienu ttrasferiti lil TM T&D fl-2002, huma pparteċipaw fil-ksur individwalment matul il-parti l-kbira tal-perijodu ta' ksur.

78 It-tielet nett, jirriżulta mill-premessi 62 u 67 tad-deċiżjoni kkontestata li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-pożizzjoni kompetittiva mhux ugwali taż-żewġ azzjonisti ta' TM T&D fiż-żmien tal-ħolqien ta' din tal-aħħar tippermetti li tiġi evalwata aħjar il-kapaċità rispettiva tagħhom li jikkawżaw ħsara serja lill-kompetizzjoni milli s-sehem tagħhom fil-kapital ta' TM T&D.

79 Ir-raba' nett, skont il-premessa 67 tad-deċiżjoni kkontestata, dan kien iktar u iktar il-każ peress li l-proporzjon tal-bejgħ tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Toshiba fl-2001 kien differenti b'mod sinjifikattiv mill-proporzjon tal-holding tagħhom fil-kapital ta' TM T&D, li jimplika li dan il-proporzjon tal-aħħar ma jirreflettix b'mod affidabbli r-realtà tas-suq.

80 Il-ħames nett, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti speċifikat li, fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u b'mod partikolari fl-osservazzjonijiet tagħha fuq l-ittra li tesponi l-fatti, hija ma kinitx invokat il-fatt li l-metodu propost f'din l-ittra kien differenti minn dak segwit fid-Deċiżjoni tal-2007 fir-rigward ta' Schneider. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tagħti raġuni speċifika f'dan ir-rigward, lil hinn mill-ispjegazzjoni mogħtija fil-premessa 67 tad-deċiżjoni kkontestata u mqassra fil-punt 79 hawn fuq.

81 Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, ir-raġuni speċifika għaliex is-sitwazzjoni ta' Schneider kienet differenti minn dik tar-rikorrenti, jiġifieri l-assenza tad-dħul mill-bejgħ rilevanti ta' Schneider għal 2001 jew 2003, kienet spjegata fis-silta tas-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), dwar ir-rieda tal-Kummissjoni li tirrifletti l-kapaċità mhux ugwali tar-rikorrenti u Toshiba li jikkontribwixxu għall-ksur, li jirreferu għaliha l-premessi 62 u 67 tad-deċiżjoni kkontestata.

82 Għalhekk, jirriżulta biżżejjed ċar mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija, sakemm hu meħtieġ, flimkien mas-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), l-ewwel nett, li l-għażla tal-Kummissjoni li taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D bejn ir-rikorrenti u Toshiba skont il-proporzjon tal-bejgħ tas-SIG magħmul minn kull waħda minnhom fl-2001 kienet immotivata mir-rieda li tiġi riflessa l-kapaċità rispettiva tagħhom li jikkawżaw ħsara serja lill-kompetizzjoni, imbagħad, li l-każ tar-rikorrenti u ta' Toshiba huwa differenti minn dawk tal-impriżi Ewropej minbarra Schneider minħabba l-fatt li huma kienu pparteċipaw fil-ksur individwalment matul il-parti l-kbira tal-perijodu ta' ksur, iżda huma kienu ttrasferew l-attivitajiet tagħhom lil TM T&D fl-2012 u, fl-aħħar nett, li s-sitwazzjoni ta' Schneider kienet differenti minn dik tar-rikorrenti u ta' Toshiba peress illi d-dħul mill-bejgħ rilevanti ta' Schneider għal 2001 jew 2003 ma kienx disponibbli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li, fuq dan il-punt, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tissodisfa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 hawn fuq.

83 Barra minn hekk, billi r-rikorrenti kienet neċessarjament konxja tal-konstatazzjonijiet magħmula fis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), hija ma tistax tibbaża ruħha fuq li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha meta naqset milli tipprovdilha dettalji dwar id-differenza fit-trattament bejnha u Schneider qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 80 hawn fuq, ir-rikorrenti ma bbażatx ruħha fuq li l-metodu li ġie applikat għaliha huwa differenti minn dak li ġie applikat għal Schneider.

84 Għaldaqstant, is-seba' motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni ta' ammont inizjali lir-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D

85 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni naqset milli timmotiva, b'mod suffiċjenti fid-dritt, id-deċiżjoni tagħha li taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D bejn iż-żewġ azzjonisti tagħha, minflok id-dħul mill-bejgħ tagħha għas-sena 2003, meta kkalkolat l-ammont ta' multa li jikkorrispondi għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D. Dan il-ksur jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

86 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tispjega li l-argument magħmul fil-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata, skont liema l-element ta' paragun mal-parteċipanti l-oħra tal-ksur jintilef jekk id-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D jinqasam bejn iż-żewġ azzjonisti skont il-bejgħ tas-SIG tagħhom għas-sena 2001, peress li tali approċċ ser jipparaguna d-dħul mill-bejgħ virtwali tagħhom għal 2001 mad-dħul mill-bejgħ reali ta' produtturi oħra għal 2003, jenfasizza, qabel kollox, li l-Kummissjoni kellha taqsam id-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D bejn l-azzjonisti tagħha skont il-holding tagħhom f'din tal-aħħar. Fil-fatt, ma jkun hemm l-ebda sens li tmur lura għall-2001 fil-kuntest ta' paragun tal-pożizzjonijiet rispettivi tad-diversi produtturi fl-2003.

87 Bl-istess mod, skont ir-rikorrenti, huwa żbaljat li l-Kummissjoni ssostni li l-qsim tad-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D għal 2003 jagħti lok għal dħul mill-bejgħ virtwali. Fil-fatt, is-sehem tad-dħul mill-bejgħ allokat lir-rikorrenti jirrappreżenta dejjem sehem tad-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D għal 2003, pjuttost differenti mid-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti għall-2001.

88 Għalhekk, l-argument tal-Kummissjoni stabbilit fil-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata huwa "żbaljat u illoġiku", peress li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni razzjonali għaliex id-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D ma setax jinqasam bejn l-azzjonisti tagħha.

89 Fit-tieni lok, filwaqt li l-premessa 59 tad-deċiżjoni kkontestata tirreferi għall-valur tal-bejgħ tar-rikorrenti u ta' Toshiba, il-premessa 60 tagħha talloka ammont inizjali lil TM T&D, li għandu jinqasam bejn l-azzjonisti tagħha. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni hija inkonsistenti fir-rigward tal-għan iddikjarat u ma għandha l-ebda ġustifikazzjoni valida. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, li jfisser li l-multa imposta fuqha għandha tiġi revokata jew imnaqqsa.

90 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti, filwaqt li tirrileva b'mod partikolari li dan il-motiv ma jiżvelax ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li r-rikorrenti sempliċement tispjega li hija ma taqbilx mar-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata.

91 F'dan ir-rigward, fil-fatt għandu jiġi rrilevat li l-ewwel ilment tar-rikorrenti, stabbilit fil-punti 86 sa 88 hawn fuq, la jkopri l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, iżda l-fondatezza tal-argumenti esposti mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-ewwel ilment huwa irrelevanti fil-kuntest ta' dan il-motiv u l-argumenti li jsostnuh ser jiġu eżaminati fil-kuntest tas-sitt u t-tmien motivi hawn taħt.

92 Fir-rigward tat-tieni ilment, l-argumentazzjoni esposta fil-punt 89 hawn fuq issemmi allegata inkonsistenza tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u mhux il-kwistjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Konsegwentement, it-tieni ilment għandu jiġi miċħud bħala irrelevanti sa fejn huwa bbażat fuq ksur tal-imsemmija drittijiet.

93 Fir-rigward tal-allegata inkonsistenza tal-motivazzjoni, il-premessa 59 tad-deċiżjoni kkontestata tikkonstata dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' trattament differenzjat, il-Kummissjoni użat is-sena 2003 bħala s-sena ta' referenza għad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ tar-[rikorrenti] u ta' Toshiba. Dan l-approċċ huwa konsistenti mal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fis-[sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, Toshiba vs Il-Kummissjoni (T-113/07, Ġabra, EU:T:2011:343), u s-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni (punt 8 hawn fuq, EU:T:2011:345)]." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

94 Skont il-premessa 60 tad-deċiżjoni kkontestata:

"Billi fl-2003, kif [ġie] stabbilit fid-[Deċiżjoni tal-2007], [ir-rikorrenti] u Toshiba pparteċipaw fil-kartell permezz tal-impriża konġunta tagħhom TM T&D, il-Kummissjoni użat id-dħul mill-bejgħ mondjali [fil-qasam ta'] SIG ta' TM T&D fl-2003 biex tistabbilixxi ammont inizjali, li ntuża għall-kalkolu tal-multa li kellha tiġi imposta fuq [ir-rikorrenti] u [fuq] Toshiba għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2002 u l-11 ta' Mejju 2004 [...]. Madankollu, il-Kummissjoni ma imponietx [dan] l-ammont ipotetiku inizjali bħala multa separata iżda użatu biss i) bħala bażi għall-kalkolu taż-żieda għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-11 ta' Mejju 2004 u ii) bħala bażi għad-determinazzjoni tal-ammonti inizjali individwali ta' Toshiba u [tar-rikorrenti] għall-perijodu tal-parteċipazzjoni individwali tagħhom fil-kartell [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

95 Issa dawn iż-żewġ siltiet ma humiex inkonsistenti u ma jixhdux b'mod partikolari li l-Kummissjoni kellha, fl-ewwel lok, tiddeċiedi li tiddetermina l-valuri tal-bejgħ individwali tar-rikorrenti u ta' Toshiba sabiex tabbanduna, fit-tieni lok, din il-metodoloġija u minflok taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D bejn l-azzjonisti tagħha.

96 Fil-fatt, jirriżulta mill-premessi 59 u 60 tad-deċiżjoni kkontestata, essenzjalment, li, fil-każ tar-rikorrenti, ir-regola ġenerali segwita mid-Deċiżjoni tal-2007 u fuq liema l-Qorti Ġenerali insistiet fis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), jiġifieri l-użu tas-sena 2003 bħala sena ta' referenza għad-determinazzjoni tal-valur ta' bejgħ, għandha tiġi applikata

skont metodi partikolari peress li, f'dik is-sena, ir-rikorrenti ma rreġistratx hija nnifisha bejgħ ta' SIG, peress li hija kienet ittrasferiet l-attivitajiet tagħha f'dan il-qasam lil TM T&D. Tali motivazzjoni hija konsistenti u tissodisfa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 hawn fuq.

97 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat sa fejn ikopri ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

98 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, id-disa' motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni ta' ammont inizjali lir-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D

99 Permezz tat-tmien motiv, ir-rikorrenti tallega ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-metodu għall-allokazzjoni lilha stess ta' ammont inizjali għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D.

100 Ir-rikorrenti ssostni, f'dan ir-rigward li, iktar milli tiddetermina ammont inizjali ipotetiku għal TM T&D u li taqsmu bejnha u Toshiba, il-Kummissjoni, kellha, qabel xejn, taqsam bejn dawn it-tnejn id-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D għal 2003, imbagħad, tikkalkola l-ishma tagħhom tas-suq mondjali għal 2003 abbażi tal-ishma rispettivi tagħhom fid-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D, u, fl-aħħar nett, tikklassifikahom fil-grupp ta' ammonti inizjali xieraq, iddeterminat fid-Deċiżjoni tal-2007 skont l-ishma fis-suq mondjali. Ir-rikorrenti ssostni li hekk kienet tiġi trattata bl-istess mod bħall-produtturi Ewropej.

101 Ir-rikorrenti tappoġġja l-pożizzjoni tagħha permezz ta' tliet settijiet ta' argumenti.

102 L-ewwel nett, hija tibbaża ruħha fuq ċerti siltiet tad-deċiżjoni kkontestata, minn fejn jirriżulta li d-determinazzjoni tal-ammont tal-multi għandu jkun ibbażat fuq il-valur tal-bejgħ tas-SIG għal 2003.

103 It-tieni nett, ir-rikorrenti tinvoka diversi argumenti li jkopru, essenzjalment, allegata inkonsistenza bejn l-għażla li jiġi ddeterminat ammont inizjali għal TM T&D u l-fatt li l-multi kienu imposti fuq l-istess rikorrenti.

104 It-tielet nett, ir-rikorrenti tikkritika l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata li l-metodu li hija pproponiet kien jirriżulta fil-konsegwenza li jintuża d-dħul mill-bejgħ virtwali tagħha għal 2001.

105 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

106 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multi sabiex tidderiġi l-aġir tal-impriżi lejn l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 66 hawn fuq, EU:T:2004:118, punt 216 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 L-ammont tal-multa huwa ffissat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-ksur u, jekk ikun il-każ, tat-tul tiegħu. Il-gravità tal-ksur għandha tiġi stabbilita skont kriterji bħalma huma l-fatti partikolari tal-kawża, il-kuntest tagħha u l-portata dissważiva tal-multi. Elementi oġġettivi bħall-kontenut u t-tul tal-imġiba antikompetittiva, in-numru u l-intensità tagħhom, il-portata tas-suq affettwat u d-deterjorament subit mill-ordni pubbliku ekonomiku għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. L-analiżi

għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-importanza relattiva u s-sehem tas-suq tal-impriżi responsabbli kif ukoll eventwali reċidivi (sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, punt 38 hawn fuq, EU:C:2004:6, punti 89 sa 91).

108 Madankollu, kull darba li l-Kummissjoni tiddeċiedi li timponi multi abbażi tad-dritt tal-kompetizzjoni, hija obbligata li tosserva l-prinċipji ġenerali tal-liġi, li fosthom hemm il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif interpretat mill-qrati tal-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, T-59/02, Ġabra, EU:T:2006:272, punt 315). Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġu li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 1998, BPB de Eendracht vs Il-Kummissjoni, T-311/94, Ġabra, EU:T:1998:93, punt 309, u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li r-rikorrenti mhux qed tikkontesta li, matul is-sena ta' referenza, jiġifieri fl-2003, hija ma rreġistratx hija stess bejgħ tas-SIG, billi hija kienet ittrasferiet l-attivitajiet tagħha f'dan il-qasam lil TM T&D fl-2002.

110 Din iċ-ċirkustanza timplika li l-multa tar-rikorrenti ma setgħetx tiġi kkalkolata eżattament bl-istess mod bħal dik tad-destinatarji Ewropej tad-Deċiżjoni tal-2007 u li, fuq dan il-punt, is-sitwazzjoni tagħha ma kinitx paragunabbli ma' dik ta' dawn tal-aħħar.

111 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ġustament għażlet li tiddetermina l-ammont ipotetiku inizjali għal TM T&D u li taqsmu bejn l-azzjonisti tagħha, minflok ma taqsam il-bejgħ dinji ta' SIG ta' TM T&D bejn l-azzjonisti u tiddetermina l-ammonti inizjali individwali tagħhom abbażi tal-ishma rispettivi tagħhom mill-imsemmi bejgħ.

112 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata u mill-premessa 61 tad-Deċiżjoni tal-2007, TM T&D kienet impriża konġunta responsabbli mill-produzzjoni u l-bejgħ ta' SIG. Għalhekk, TM T&D kienet entità separata mill-azzjonisti tagħha, għalkemm ikkontrollata minnhom flimkien.

113 Dan il-fatt jirriżulta barra minn hekk mill-punt 7.2.7 tad-Deċiżjoni tal-2007, iddedikat għad-determinazzjoni tad-destinatarji tagħha. Fil-fatt, fil-premessi 407 u 435 tal-imsemmija deċiżjoni, ir-rikorrenti u Toshiba kienu espliċitament miżmuma responsabbli, bħala azzjonisti, tal-"ksur imwettaq minn TM T&D bejn l-1 ta' Ottubru 2002 u l-11 ta' Mejju 2004" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

114 L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jikkontestaw din il-konklużjoni.

115 Fil-fatt, fl-ewwel sett ta' argumenti tagħha, imsemmija fil-punt 102 hawn fuq, ir-rikorrenti ssostni li jirriżulta mill-premessi 59 sa 62 u 66 tad-deċiżjoni kkontestata li d-determinazzjoni tal-ammont tal-multi kellha tkun ibbażata fuq il-valur tal-bejgħ tas-SIG individwali tagħha stess u ta' Toshiba fl-2003.

116 Madankollu, kif diġà intqal fil-punt 96 hawn fuq, jirriżulta mill-premessi 59 u 60 tad-deċiżjoni kkontestata, essenzjalment, li, fil-każ tar-rikorrenti, ir-regola ġenerali segwita mid-Deċiżjoni tal-2007 u fuq liema l-Qorti Ġenerali insistiet fis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), jiġifieri l-użu tal-2003 bħala sena ta' referenza għad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ, kellha tkun applikata skont metodi partikolari, peress li, f'dik is-sena, ir-rikorrenti ma kinitx irreġistrat hija nnifisha l-bejgħ tas-SIG, peress li hija kienet ittrasferiet l-attivitajiet tagħha f'dan il-qasam lil TM T&D.

117 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata kemm mill-premessi 62 u 66 tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), fejn il-Qorti Ġenerali rreferiet espliċitament għall-metodu segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata bħala eżempju xieraq.

118 Fir-rigward tat-tieni sett ta' argumenti, imsemmija fil-punt 103 hawn fuq, ir-rikorrenti tirrileva li, sa fejn l-għan tal-iffissar tal-ammont inizjali tagħha huwa li tiġi imposta fuqha multa individwali, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka l-fatt li, fl-2003 hija pparteċipat fi ksur permezz ta' TM T&D. Fil-fatt, fir-rigward tal-multa li tikkorrispondi għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D, li hija multa individwali imposta fuq ir-rikorrenti, l-ammont inizjali applikabbli kellu jkun ikkalkolat skont l-istess metodoloġija li hija użat għall-parteċipanti l-oħra għall-ksur u, għalhekk, abbażi tad-dħul mill-bejgħ tagħha għal 2003. L-ammont inizjali ta' TM T&D huwa ammont separat, applikabbli għall-perijodu ta' attività ta' TM T&D.

119 F'dan ir-rigward, diġà ġie rrilevat fil-punti 109 u 110 hawn fuq li l-multa tar-rikorrenti ma setgħetx tiġi kkalkolata eżattament bl-istess mod bħal dik tad-destinatarji Ewropej tad-Deċiżjoni tal-2007, peress li hija ma kellhiex dħul mill-bejgħ tagħha għal 2003 fir-rigward tas-SIG. Il-fatt li l-multi imposti fid-deċiżjoni kkontestata kienu jirrigwardaw biss lir-rikorrenti u lil Toshiba, fid-dawl tax-xoljiment ta' TM T&D fl-2005, ma jistax ikollu l-konsegwenza li l-Kummissjoni tkun meħtieġa taqsam id-dħul mill-bejgħ ta' din tal-aħħar artifiċjalment, billi tinjora l-fatt li hija kienet attiva fis-suq matul is-sena ta' referenza bħala operatur separat mill-azzjonisti tagħha. Fil-fatt, tali approċċ jiddevja b'mod effettiv mill-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibbaża ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ miksub fl-imsemmija sena meta ddeterminat il-multi.

120 Fil-kuntest tat-tielet sett ta' argumenti, imsemmija fil-punt 104 hawn fuq, ir-rikorrenti tikkontesta li l-użu tal-metodu ssuġġerit minnha jirriżulta fl-użu ta' "dħul mill-bejgħ virtwali għal 2001". Hija tindika, f'dan il-kuntest, li s-sehem tad-dħul mill-bejgħ li kien ikun assenjat lilha skont il-metodu li hija tappoġġja xorta jirrappreżenta sehem mid-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D għall-2003, separat mid-dħul mill-bejgħ tagħha għal 2001.

121 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rikonoxxut li s-sens tal-ħames sentenza tal-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata, skont liema l-metodu ssuġġerit mir-rikorrenti "ma huwiex xieraq peress li jinvolvi l-paragun tad-dħul mill-bejgħ virtwali għal 2001 tar-[rikorrenti] u ta' Toshiba mad-dħul mill-bejgħ għal 2003 ta' impriżi oħra" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ma huwiex kompletament ċar, peress li, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ma ddefinietx il-kunċett ta' "dħul mill-bejgħ virtwali għal 2001".

122 Madankollu, fit-tielet u r-raba' sentenzi tal-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li l-metodu propost mir-rikorrenti ma jirreflettix il-piż ta' TM T&D, bħala entità li pparteċipat fil-ksur tal-2003, fi ħdan din tal-aħħar. Għalhekk, moqrija fil-kuntest tas-sentenzi li jippreċeduha immedjatament, il-ħames sentenza tal-istess premessa 66 tgħid li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-metodu propost mir-rikorrenti jkollu l-konsegwenza li jaqsam artifiċjalment id-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D, minkejja l-kwalità tagħha ta' entità separata mill-azzjonisti tagħha, sabiex tiddetermina d-dħul mill-bejgħ virtwali ta' dawn tal-aħħar. Kif jirriżulta mill-punti 111 sa 113 u 119 hawn fuq, din il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni hija fondata.

123 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tmien motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità waqt l-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D biex jinqasmu bejn ir-rikorrenti u Toshiba

124 Permezz tas-sitt motiv, ir-rikorrenti ssostni li, meta ġie kkalkolat l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni qasmet b'mod żbaljat l-ammont inizjali ta' TM T&D bejnha u Toshiba fil-premessa 62 tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-għażla tal-Kummissjoni li taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D skont il-proporzjon tal-bejgħ tas-SIG imwettaq mir-rikorrenti u Toshiba matul is-sena li ppreċediet il-ħolqien ta' TM T&D, jiġifieri l-2001, ikollha l-konsegwenza li tissovvravaluta is-sehem tal-ammont inizjali ta' TM T&D imputabbli lir-rikorrenti.

125 Ir-rikorrenti tenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-għażla tagħha li teżerċita l-attivitajiet tagħha fil-qasam tas-SIG permezz ta' TM T&D ma jista' jkollha l-ebda rilevanza fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-multa. Issa, sakemm TM T&D kienet impriża konġunta separata fejn id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet, is-setgħat ta' deċiżjoni u l-benefiċċji kienu maqsuma ugwalment bejn iż-żewġ azzjonisti, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni kellha tagħtiha 50 % tal-ammont inizjali ta' TM T&D.

126 Ir-rikorrenti żżid tgħid li l-għan invokat mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika l-qsim tal-ammont inizjali ta' TM T&D ma ġiex segwit għall-produtturi Ewropej. Fil-fatt, l-ammonti inizjali ta' dawn tal-aħħar ġew sempliċement iffissati fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ tagħhom għall-aħħar sena kompluta tal-ksur, jiġifieri l-2003, mingħajr ma l-Kummissjoni kienet investigat jekk dan id-dħul mill-bejgħ kienx rappreżentattiv. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ffissat l-ammont inizjali għal Schneider għal 40 % tal-ammont inizjali ta' VA Tech, peress li din ir-rata kienet tikkorrispondi għad-daqs tal-holding tagħha f'VAS, mingħajr ma stabbilixxiet proporzjon preċiż ta' bejgħ ta' Schneider imqabbel ma dak ta' VA Tech fil-mument ta' formazzjoni ta' VAS.

127 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti tikkunsidra li kienet is-suġġett ta' trattament mhux ugwali inġust min-naħa tal-Kummissjoni.

128 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kellha taqsam l-ammont inizjali ta' TM T&D bejn l-azzjonisti tagħha skont il-holding tagħhom f'din tal-aħħar, sabiex jevitaw li jmorru lura għas-sena 2001 fil-kuntest ta' pargun tal-pożizzjonijiet rispettivi tad-diversi produtturi fl-2003, kif issuġġerit mill-argument tal-Kummissjoni stabbilit fil-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata.

129 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti. Minn naħa waħda, hija tirrileva li r-rilevanza tal-għan imfittex minnha meta qasmet l-ammont inizjali ta' TM T&D kien rikonoxxut mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345). Min-naħa l-oħra, il-każ ta' Schneider huwa differenti minn dan il-każ f'diversi aspetti.

130 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għażlet fil-premessi 62 u 67 tad-deċiżjoni kkontestata, li taqsam l-ammont inizjali ipotetiku ta' TM T&D bejn ir-rikorrenti u Toshiba skont il-proporzjon tal-bejgħ tagħhom ta' SIG fl-2001 sabiex jirrifletti l-kapaċità mhux ugwali tar-rikorrenti u ta' Toshiba sabiex jikkontribwixxu għall-ksur matul il-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D. Sal-punt fejn is-sehem tas-suq tar-rikorrenti fir-rigward tas-SIG kien kunsiderevolment ikbar minn dak ta' Toshiba, ingħatalha, fil-premessa 63 tad-deċiżjoni kkontestata, madwar żewġ terzi tal-ammont inizjali ta' TM T&D, filwaqt li huwa biss terz ta' dak l-ammont li ngħata lil Toshiba.

131 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, huwa paċifiku li r-rikorrenti u Toshiba kellhom 50 % kull wieħed mill-kapital ta' TM T&D. Madankollu, dan il-fatt huwa bla preġudizzju għall-fatt li l-attivitajiet fil-qasam tas-SIG ittrasferiti minn dawn tal-aħħar lil TM T&D mal-ħolqien tagħha u l-ishma tas-suq li jikkorrispondu mal-attivitajiet tagħha ma kinux ugwali minħabba l-pożizzjonijiet kompetittivi rispettivi tar-rikorrenti u ta' Toshiba fuq is-suq tas-SIG fiż-żmien rilevanti.

132 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti tinvoka b'mod żbaljat id-daqs tal-holding tagħha u ta' Toshiba fil-kapital ta' TM T&D, li setgħu ġew motivati jew influwenzati minn ċirkustanzi barranin għas-suq tas-SIG, sabiex jevitaw li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni reali fuq dan is-suq, kif muri mid-dħul mill-bejgħ għas-sena 2001, l-aħħar sena sħiħa li ppreċediet il-ħolqien ta' TM T&D.

133 It-tieni nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandu jitfakkar li jirriżulta minn ġurisprudenza ċċitata fil-punt 108 hawn fuq li, kull darba li l-Kummissjoni tiddeċiedi li timponi multi skont id-dritt tal-kompetizzjoni, l-imsemmi prinċipju jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati b'mod ugwali, sakemm dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

134 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-ammont tal-multa tar-rikorrenti kien ikkalkolat b'metodu differenti minn dak applikat għall-kalkolu tal-ammont tal-multa tal-produtturi Ewropej. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti kienet f'pożizzjoni differenti meta mqabbla mal-produtturi in ġenerali u fir-rigward ta' Schneider b'mod partikolari.

135 Fil-fatt, minn naħa waħda, matul is-sena ta' referenza, l-attivitajiet fil-qasam tas-SIG eżerċitati preċedentement mir-rikorrenti u minn Toshiba kienu eżerċitati mill-impriża konġunta tagħhom, TM T&D. Dan il-fatt jiddistingwi il-każ tar-rikorrenti minn dak tal-impriżi Ewropej, bl-eċċezzjoni ta' Schneider u ta' VA Tech, li kienu ġabru l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tas-SIG fi ħdan VAS.

136 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti tallega b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma kelliex l-intenzjoni li tirrifletti l-pożizzjonijiet kompetittivi rispettivi taż-żewġ azzjonisti ta' VAS, Schneider u Va Tech, meta ffissat il-multi tagħhom. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 275 tas-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), il-Kummissjoni segwiet l-istess għan fil-premessa 489 tad-Deċiżjoni tal-2007 fejn hija rreferiet espliċitament għall-"kontribut ta' Schneider fl-impriża konġunta f'termini ta' bejgħ" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fil-mument tal-ħolqien ta' VAS. Il-Kummissjoni sabet, madankollu, li dan il-kontribut kien adegwatament rifless fid-daqt tal-holding ta' Schneider fil-kapital ta' VAS.

137 F'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha provi espliċiti u ċari, jiġifieri d-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti u ta' Toshiba għal 2001, li jissuġġerixxu li d-daqs tal-holding rispettiv tagħhom fil-kapital ta' TM T&D ma kienx rappreżentattiv tal-pożizzjonijiet individwali tagħhom fis-suq matul il-parti l-kbira tal-perijodu tal-ksur. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti lanqas ma tallega l-eżistenza ta' tali elementi fi-rigward tal-pożizzjoni ta' Schneider fi ħdan VAS.

138 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għażla tal-Kummissjoni li tinjora d-daqs tal-holding tar-rikorrenti u ta' Toshiba fil-kapital ta' TM T&D bħala kriterju għat-tqassim tal-ammont inizjali ta' din tal-aħħar, u tuża l-bejgħ tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Toshiba fl-2001, ma tikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

139 Sa fejn ir-rikorrenti ssostni wkoll, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni ma ġġustifikatx it-trattament mhux ugwali li hija sofriet, huwa xieraq li jsir riferiment għall-punti 80 sa 82 hawn fuq.

140 It-tielet nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti stabbilit fil-punt 128 hawn fuq, huwa veru li l-fatt li ntuża l-bejgħ tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Toshiba mwettaq fl-2001 bħala kriterju tat-tqassim għandu t-tendenza li jintroduċi fil-kalkolu element li jirreferi għal sena differenti mis-sena ta' referenza, jiġifieri l-2003.

141 Madankollu, l-ewwel nett, huwa paċifiku li d-data fundamentali li ssostni l-metodu tal-kalkolu segwit mill-Kummissjoni hija d-dħul mill-bejgħ ta' TM T&D għas-sena ta' referenza, li jimplika li l-imsemmi metodu jippermetti paragun oġġettiv mal-impriżi l-oħra li pparteċipaw fl-akkordju. Din iċ-ċirkustanza tidher, barra minn hekk, espliċitament fil-premessa 66 tad-deċiżjoni kkontestata.

142 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-punti 131 u 132 hawn fuq, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Toshiba għal 2001 jippermetti li jirrifletti l-pożizzjonijiet reali tagħhom fuq is-suq tas-SIG matul il-parti l-kbira tal-perijodu tal-ksur, pożizzjonijiet li ma kinux riflessi b'mod preċiż mid-daqs tal-holding tagħhom fil-kapital ta' TM T&D.

143 Fl-aħħar nett, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Toshiba għall-2001 bħala kriterju għall-qsim tal-ammont inizjali ta' TM T&D kien espliċitament aċċettat, fil-punt 276 tas-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), bħala metodu sabiex jikkonċilja l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, filwaqt li tinżamm l-istess sena ta' referenza fir-rigward tal-parteċipanti kollha fil-ksur, mar-rieda tal-Kummissjoni li tirrifletti l-pożizzjoni kompetittiva mhux ugwali tar-rikorrenti u Toshiba fil-mument tal-ħolqien ta' TM T&D.

144 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, is-sitt motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità billi l-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-multa tar-rikorrenti bl-istess mod bħall-multi tal-produtturi Ewropej

145 Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta kkalkolat l-ammont tal-multa tagħha bl-istess mod bħall-multi tal-produtturi Ewropej. Hija tindika li hija pparteċipat fil-Ftehim GQ, tikkontesta li hija pparteċipat fl-arranġament komuni u ma pparteċipatx fil-Ftehim EQ, li ma kinitx taf bih. F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk hija tista' tiġi miżmuma responsabbli għall-arranġament komuni, l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti f'li jissanzjonaha bl-istess mod bħall-produtturi Ewropej, filwaqt li dawn tal-aħħar ipparteċipaw, minbarra għall-arranġament komuni u l-Ftehim GQ, fil-Ftehim EQ, jkun kuntrarju għall-prinċipji ta' ekwità u ta' proporzjonalità. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, il-parteċipazzjoni f'żewġ ksur serji ħafna għandu jiġi ssanzjonat iktar severament minn parteċipazzjoni fi ksur wieħed serju biss.

146 Ir-rikorrenti żżid tgħid li, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ammettiet fir-risposta tagħha għall-appell tagħha mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345), li ABB kienet iggravat il-ksur meta ammettiet li dan tal-aħħar involva, minbarra l-produtturi Ewropej, produtturi Ġappuniżi wkoll.

147 Bl-istess mod, il-ksur li r-rikorrenti pparteċipat fih, skontha, huwa ta' grad differenti ta' gravità. Fil-fatt, filwaqt li l-ftehim EQ kellu bħala effett li jelimina l-kompetizzjoni bejn il-kompetituri reali fis-suq Ewropew u għalhekk kellu impatt sostanzjali fuq is-suq Ewropew, il-ftehim GQ u l-allegat arranġament komuni, jekk jiġi preżunt stabbilit, seta' jelimina, l-iktar l-iktar, kompetituri potenzjali. Issa fir-realtà l-ftehim GQ u l-allegat arranġament komuni ma kellhom l-ebda effett fiż-ŻEE, peress li l-produtturi Ġappuniżi, b'mod partikolari r-rikorrenti, ma kinux kompetituri kredibbli fuq dan it-territorju, minħabba l-eżistenza ta' ostakoli ekonomiċi u tekniċi ta' natura oġġettiva.

148 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti. Hija tindika, b'mod partikolari, li l-ksur ikkonstatat mid-Deċiżjoni tal-2007 kien ksur uniku u kontinwu u li l-parteċipazzjoni fil-ksur ta' impriżi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, ma kinitx inqas gravi minn dik tal-impriżi Ewropej.

149 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-konstatazzjoni tar-rikorrenti skont liema hija tikkontesta l-parteċipazzjoni tagħha fl-arranġament komuni tmur lil hinn mill-ambitu ta' din il-kawża. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-arranġament komuni ġiet ikkonstatata fid-Deċiżjoni tal-2007, li saret *res judicata* f'dan ir-rigward wara l-għoti tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 25 hawn fuq (EU:C:2013:866). Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata ma tikkonċernax il-konstatazzjoni tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur, iżda biss il-multa li għandha tiġi imposta fuqha bħala konsegwenza.

150 Fir-rigward tal-ilmenti l-oħra, skont il-ġurisprudenza, sakemm ksur jitwettaq minn diversi impriżi, huwa xieraq li tiġi eżaminata l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra, EU:C:1999:356, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'hekk, il-fatt li impriża ma pparteċipatx fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li hija pparteċipat fihom għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, iċċitata iktar 'il fuq , EU:C:1999:356, punt 90).

151 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, diġà tfakkar fil-punti 2 sa 4 hawn fuq li, fid-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu li jinkludi l-arranġament komuni, il-ftehim GQ u l-ftehim EQ. Għalhekk, ir-rikorrenti b'mod żbaljat tħalli wieħed jifhem li l-impriżi Ewropej kienu pparteċipaw f'żewġ istanzi ta' ksur, filwaqt li hi stess kienet ipparteċipat fi ksur wieħed biss.

152 Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, il-kontribut tagħha fil-ksur ma hijiex inqas, minħabba l-fatt li hija ma pparteċipatx fl-allokazzjoni tal-proġetti relatati mas-SIG fiż-ŻEE, irregolata mill-ftehim EQ.

153 F'dan ir-rigward, huwa ċertament veru li l-parteċipazzjoni tal-produtturi Ġappuniżi u dik tal-produtturi Ewropej fi ftehimiet u prattiċi miftiehma identifikati fid-Deċiżjoni tal-2007 u li jkopru ż-ŻEE ma kinux tal-istess natura. Fil-fatt, l-impriżi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, impenjaw irwieħhom, fil-kuntest tal-arranġament komuni, li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE u l-parteċipazzjoni tagħhom b'hekk kienet tikkonsisti f'nuqqas ta' azzjoni. L-impriżi Ewropej, sadanittant, kienu qasmu bejniethom id-diversi proġetti relatati mas-SIG fl-istess suq, permezz ta' atti kollużivi pożittivi (ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, Toshiba vs Il-Kummissjoni, T-113/07, Ġabra, EU:T:2011:343, punt 260).

154 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li n-nuqqas ta' azzjoni tal-impriżi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, kienet prerekwiżit sabiex l-allokazzjoni tal-proġetti relatati mas-SIG fiż-ŻEE tkun tista' ssir bejn il-produtturi Ewropej skont ir-regoli miftiehma għal dan il-għan (sentenza Toshiba vs Il-Kummissjoni, punt 153 hawn fuq, EU:T:2011:343, punt 261). Għalhekk, billi rrispettaw l-impenji tagħhom skont l-arranġament komuni, l-impriżi Ġappuniżi għamlu l-kontribut neċessarju għall-funzjonament tal-ksur kollu kemm hu.

155 Barra minn hekk, fil-punti 220 u 226 tas-sentenza Toshiba vs Il-Kummissjoni, punt 153 hawn fuq (EU:T:2011:343), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-parteċipazzjoni tal-impriżi Ġappuniżi fl-arranġament komuni, li kien jinkludi il-mekkaniżmi ta' notifika u ta' kontabbiltà, kienet timplika li huma kienu jafu li l-proġetti relatati mas-SIG fiż-ŻEE kienu rriżervati għall-produtturi Ewropej u li setgħu b'mod raġonevoli jipprevedu li kienu allokati fil-kuntest ta' mekkaniżmu kollużiv. Għalhekk, irrispettivament mill-kwistjoni jekk il-produtturi Ġappuniżi kinux jafu bil-ftehim EQ bħala tali, huma kienu jafu bl-imġiba illegali li kien jirregola.

156 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-kontribut tar-rikorrenti fil-ksur huwa paragunabbli għal dak tal-impriżi Ewropej.

157 Fit-tielet lok, l-argument tar-rikorrenti dwar il-fatt li ABB kienet iggravat il-ksur meta ammettiet li dan tal-aħħar kien jinvolvi ukoll produtturi Ġappuniżi lanqas ma jista jintlaqa'. Fil-fatt, huwa ċertament veru li iktar ma jkun hemm parteċipanti fil-ksur, iktar huwa gravi. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma tippermettix li jiġu ffurmati konklużjonijiet validi dwar il-kontribut relattiv tal-parteċipazzjoni tad-diversi gruppi tal-istess parteċipanti fil-ksur inkwistjoni.

158 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-paragun tal-gravità tad-diversi tipi ta' mġiba antikompetittiva, minn naħa waħda, ir-rikorrenti għandha tendenza li artifiċjalment tissepara d-diversi komponenti tal-ksur uniku kkonstatat fid-Deċiżjoni tal-2007.

159 Min-naħa l-oħra, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq premessa fattwali li hija ma kinitx kompetitur kredibbli fiż-ŻEE. Madankollu, kif jirriżulta mill-punti 161 sa 182 hawn taħt, din il-premessa ma ġietx stabbilita b'mod suffiċjenti fid-dritt, li jfisser li ma tistax tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' dan il-motiv.

160 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-fatti li l-Kummissjoni wettqet żball meta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni evidenza teknika u ekonomika meta ġie ddeterminat l-impatt tal-imġiba tar-rikorrenti u l-kalkolu tal-ammont tal-multa tagħha

161 Permezz tar-raba' motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni evidenza teknika u ekonomika meta ġie ddeterminat l-impatt tal-imġiba tar-rikorrenti u l-kalkolu tal-ammont tal-multa tagħha. Hija tispeċifika li wara li rċeviet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-2006, hija inkarigat esperti indipendenti sabiex iħejju rapport tekniku u rapport ekonomiku li jistabbilixxu, lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li fornitur mhux Ewropew ma kellu ebda opportunità, bl-eċċezzjoni ta' bejgħ limitat u speċifiku, li jippenetra s-suq Ewropew tas-SIG bejn l-1988 u 2004 minħabba ostakoli ekonomiċi u tekniċi (iktar 'il quddiem ir-"rapporti esterni").

162 Issa, l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-rapporti esterni meta ġie analizzat l-impatt tal-allegati istanzi ksur fuq is-suq Ewropew u ma pprovdietx argumenti speċifiċi sabiex tikkonfutahom. Fil-fatt, hija llimitat ruħha sabiex tikklassifikahom bħala studji ġenerali miktuba f'termini ġeneriċi, minkejja l-fatt li dawn ipprovdew spjegazzjoni kredibbli għan-nuqqas ta' bejgħ tar-rikorrenti fl-Ewropa, li huwa wkoll rilevanti rigward ir-responsabbiltà ta' impriża taħt l-Artikolu 101 TFUE.

163 Għalhekk, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni wettqet żball meta assumiet li r-rikorrenti setgħet tbiegħ is-SIG fl-Ewropa, minkejja l-konklużjonijiet mhux dubjużi tar-rapporti esterni skont liema hija ma setgħetx tbigħ l-istess SIG direttament lill-klijenti Ewropej matul il-parti l-kbira tal-perijodu ta' ksur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret l-obbligu li teżamina l-impatt ekonomiku ta' imġiba antikompetittiva possibbli fl-iffissar tal-ammont ta' multa, billi imponiet għaldaqstant multa sproporzjonata fuq ir-rikorrenti.

164 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti u, b'mod partikolari, ir-rilevanza u l-valur probatorju tar-rapporti esterni.

165 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-punt 1 A tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi li, meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika effettiva tal-awturi tal-ksur li joħolqu dannu serju lill-operaturi l-oħra, b'mod partikolari lill-konsumaturi.

166 L-argumentazzjoni tar-rikorrenti tammonta, fil-prinċipju, għall-allegazzjoni li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur ma setgħetx tikkawża ħsara lill-kompetizzjoni fiż-ŻEE, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni fil-premessi 314 sa 318 tad-Deċiżjoni tal-2007, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-każ peress li ma humiex affettwati mis-sentenza Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni, punt 8 hawn fuq (EU:T:2011:345).

167 Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, kif ġie kkonstatat mill-Kummissjoni fil-premessa 317 tad-Deċiżjoni tal-2007, l-eżistenza tal-arranġament komuni, u b'mod partikolari tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' kontabbiltà, timplika li l-produtturi Ġappuniżi kienu pperċepiti bħala kompetituri potenzjali kredibbli mill-produtturi Ewropej minkejja ċerti ostakoli għad-dħul oġġettivi, li l-eżistenza tagħhom, barra minn hekk, ma hijiex ikkontestata mill-Kummissjoni. Li kieku dan ma kienx il-każ, l-arranġament komuni ma kienx jiġi konkluż u osservat mill-produtturi Ewropej, li għalihom wassal għal telf ta' parti mill-proġetti ta' SIG barra miż-ŻEE. Sal-punt li l-produtturi Ewropej kienu f'pożizzjoni partikolarment

tajba sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni fiż-ŻEE, minħabba l-pożizzjoni privileġġjata tagħhom fl-Ewropa, l-aċċettazzjoni tagħhom tal-arranġament komuni tikkostitwixxi argument li jdagħjjef serjament il-plawżibbiltà tat-teżi sostnuta mir-rikorrenti (ara b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, T-112/07, Ġabra, EU:T:2011:342, punt 319).

168 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li r-rapporti esterni prodotti mir-rikorrenti ġew redatti għall-bżonnijiet speċifiċi tad-difiża tagħha fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2007. Kif sostniet il-Kummissjoni fil-premessa 318 tad-Deċiżjoni tal-2007, dawn ir-rapporti huma miktuba f'termini ġenerali u ma jiddikjarawx li l-vijabbiltà jew l-opportunità kummerċjali tal-penetrazzjoni fis-suq taż-ŻEE ġiet diskussa mir-rikorrenti.

169 Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapport ekonomiku, għandu jiġi osservat li ċerti argumenti mressqa huma bbażati fuq id-differenzi bejn is-swieq nazzjonali fl-Ewropa, jew fuq il-preferenza mogħtija lill-fornitur tat-tagħmir li diġà ġie installat. Issa, tal-inqas fir-rigward tal-pajjiżi l-oħra li ma humiex pajjiżi kostrutturi, differenzi bejn is-swieq nazzjonali kienu affettwaw ukoll lill-produtturi Ewropej, li jimplika li l-produtturi Ġappuniżi ma kinux *a priori* żvantaġġati f'dan ir-rigward. Bl-istess mod, relazzjoni preċedenti sodisfaċenti ma' fornitur għandha tendenza li tiżvantaġġa lill-forniturі l-oħra kollha, irrispettivament mill-fatt jekk humiex Ewropej jew Ġappuniżi (ara, b'analoġija, is-sentenza Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, punt 167 hawn fuq, EU:T:2011:342, punt 323).

170 Barra minn hekk, uħud mill-argumenti esposti fir-rapport ma humiex konvinċenti.

171 Għalhekk, f'dak li jirrigwarda l-ostakoli istituzzjonali, imsemmija fil-punt 3 tal-imsemmi rapport, l-awturi jammettu huma stess li l-importanza tagħhom naqset mill-1996.

172 Fir-rigward tal-analiżi tal-ispejjeż relattivi tal-produzzjoni msemmija fil-punt 4.1 tar-rapport ekonomiku, l-awturi jibbażaw ruħhom, fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol, fuq "differenza medja" għall-perijodu ta' bejn l-1980 sa l-2003. Dan l-approċċ ġenerali żżejjed jinkludi fil-kalkolu data għal snin li ma humiex rilevanti, u b'mod iktar sinjifikattiv, joskura l-fatt li d-differenza kienet kunsiderevolment inqas matul ċerti perijodi, u b'mod partikolari bejn l-1996 u l-2003, kif jirriżulta mill-figura 4 fil-paġna15 tar-rapport ekonomiku. Bl-istess mod, fir-rigward tal-ispiża tal-azzar, id-data fit-tabella 4 fil-paġna 16 tar-rapport ekonomiku, skont liema l-prezz fil-Ġappun kien inqas bi 3 % bejn l-1997 u l-2004, tikkontradixxi l-konstatazzjoni tal-awturi, li tinsab fl-istess paġna, skont liema "il-Ġappun ma għandux vantaġġ jew żvantaġġ fir-rigward tal-azzar" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, id-differenza tal-ispejjeż tal-produzzjoni relattivi bi 22 %, indikati fit-tabella 5 tar-rapport ekonomiku, ma hijiex affidabbli, b'mod partikolari fir-rigward tat-tieni nofs tal-perijodu ta' ksur.

173 Fir-rigward tar-rapport tekniku, l-awtur tiegħu ħadem mar-rikorrenti fuq żewġ proġetti fil-passat, li jpoġġi f'dubju, sa ċertu punt, l-indipendenza tiegħu. Bl-istess mod, l-espert inkwistjoni jidher li għandu għarfien personali dettaljat biss fir-rigward tas-suq tar-Renju Unit u l-konklużjonijiet tiegħu li jirrigwardaw il-pajjiżi l-oħra taż-ŻEE huma bbażati fuq informazzjoni pprovduta minn individwi oħra attivi fil-qasam, hekk kif jirriżulta mill-punti 1, 20, 22 u 31 tar-rapport tekniku. Barra minn hekk, xi wħud minn dawn il-konklużjonijiet fil-punti 4, 5, 31 u 32 tar-rapport tekniku ma jikkonċernawx il-qasam tekniku jew huma fformulati b'mod xi ftit kategoriku, jew partikolarment kawt.

174 Madankollu, ir-rapport tekniku isemmi żewġ diffikultajiet tekniċi *a priori* rilevanti, jiġifieri, minn naħa waħda, l-inkompatibbiltà parzjali tal-firxa tas-SIG tar-rikorrenti ma' parametri mitluba mill-klijenti Ewropej, imsemmija fil-punti 29 u 30 tar-rapport tekniku u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jsiru testijiet addizzjonali minn laboratorju indipendenti ġeneralment rikonoxxut mill-klijenti Ewropej, imsemmi fil-punt 28 tar-rapport tekniku. Madankollu, l-awtur tar-rapport tekniku jammetti huwa stess, fil-punt 30 ta' dan tal-aħħar, li r-rikorrenti setgħet tikkonċepixxi prodotti għas-suq Ewropew. L-unika

kritika tiegħu fuq dan il-punt hija dwar l-ispiża ta' tali operazzjoni, li hija, madankollu, kunsiderazzjoni li tmur lil hinn mill-kuntest ta' rapport tekniku u, għalhekk mill-qasam ta' kompetenza tal-awtur tiegħu.

175 Barra minn hekk, fis-sentenza Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, punt 167 hawn fuq (EU:T:2011:342), il-Qorti Ġenerali diġà kkonstatat, f'dan ir-rigward, li produttur Ġappuniż li jixtieq jippenetra s-suq taż-ŻEE kien meħtieġ li jadatta l-prodott inkwistjoni mar-regoli attwali, li jirriżultaw minn standards iddefiniti mill-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali, li jwettaq numru ta' testijiet ta' konformità u li sabiex jikseb iċ-ċertifikati korrispondenti. Madankollu, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-produtturi Ġappuniżi kienu kapaċi jissodisfaw dawn il-formalitajiet fil-passat, meta huma kienu għamlu bejgħ tas-SIG sporadiku fiż-ŻEE kif ukoll bejgħ iktar numeruż f'territorji oħrajn fejn l-istandards iddefiniti mill-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali ġew applikati wkoll (ara, b'analoġija, is-sentenza Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, punt 167 hawn fuq, EU:T:2011:342, punt 321).

176 Ir-rapport tekniku jirreferi wkoll għal rekwiżiti u għal użi tekniċi supplimentari applikabbli f'ċerti pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent. Għall-inqas fir-rigward ta' pajjiżi li ma humiex pajjiżi kostrutturi, tali rekwiżiti japplikaw għall-forniturі potenzjali kollha, Ewropej jew Ġappuniżi (ara, b'analoġija, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, punt 167 hawn fuq, EU:T:2011:342, punt 322).

177 L-istess japplika fir-rigward tal-allegata preferenza għall-produtturi nazzjonali, imsemmija fil-punti 26 u 29 tar-rapport tekniku, peress li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-pajjiżi taż-ŻEE l-oħra għajr il-pajjiżi kostrutturi kienu ġustament dawk fejn ma kienx hemm fornituri nazzjonali kredibbli. Tali raġunament huwa applikabbli, *a fortiori*, għall-preferenza allegata għall-fornitur tat-tagħmir diġà installat, imsemmi fil-punti 26, 29 u 31 tar-rapport tekniku, għar-raġunijiet esposti fil-punt 169 hawn fuq.

178 Barra minn hekk, jirriżulta mir-rapport tekniku li, fil-parti l-kbira, l-ostakoli għal dħul deskritti fih gradwalment naqsu mit-tieni nofs tas-snin 90.

179 Bħala konklużjoni tal-eżami taż-żewġ rapporti, għandu jiġi rrilevat li l-valur probatorju tagħhom huwa wkoll ikkontestat mis-sitwazzjoni reali fis-suq. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 175 hawn fuq u kif jirriżulta mill-premessa 316 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-produtturi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, kienu f'pożizzjoni li jwettqu matul il-perijodu ta' ksur, bejgħ sporadiku ta' SIG fiż-ŻEE, kif ukoll bejgħ iktar frekwenti fil-bqija tal-Ewropa u fir-reġjun tal-Mediterran. Għaldaqstant, huma kienu f'pożizzjoni, matul il-perijodu rilevanti, li jgħelbu l-ostakoli simili għal dawk invokati mir-rikorrenti f'dan il-każ.

180 Fit-tielet lok, għandu jiġi osservat li l-eżistenza estiża tal-arranġament komuni u, għaldaqstant, l-assenza tal-produtturi Ġappuniżi fuq is-suq taż-ŻEE setgħet issaħħaħ b'mod artifiċjali uħud mill-ostakoli għad-dħul, imsemmija mir-rikorrenti, b'mod partikolari dawk marbuta mal-aċċettazzjoni mill-klijenti Ewropej ta' fornituri Ġappuniżi. Iżda ma jistax jiġi aċċettat li r-rikorrenti tinvoka l-konsegwenzi tal-operazzjoni tal-ksur li hija pparteċipat fih sabiex titlob tnaqqis mill-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha għall-istess ksur (ara, b'analoġija, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, punt 167 hawn fuq, EU:T:2011:342, punt 327).

181 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti ma ssostanzjatx b'mod suffiċjenti fid-dritt l-allegazzjoni tagħha skont liema l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur ma setgħetx tikkawża ħsara fil-kompetizzjoni fiż-ŻEE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi lmentat li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet din l-allegazzjoni inkunsiderazzjoni meta ġie kkalkolat l-ammont tal-multa tar-rikorrenti.

182 Konsegwentement, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-kalkolu tal-koeffiċjent ta' dissważjoni.

183 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kalkolu tal-koeffiċjent ta' dissważjoni li ġie applikat lilha.

184 Hija tfakkar f'dan ir-rigward li l-limiti meqjusa sabiex taqsam il-parteċipanti fl-akkordju f'kategoriji, sabiex tiddetermina l-koeffiċjent ta' dissważjoni, għandhom jiġu ddeterminati b'mod konsistenti u oġġettiv. Hija tqis li ma kellhiex titqiegħed waħedha fit-tielet kategorija b'koeffiċjent ta' dissważjoni ta' 1.5, iżda fl-istess kategorija bħal ABB b'koeffiċjent ta' 1.25.

185 Fil-fatt, minn naħa waħda, id-differenza bejn id-dħul mill-bejgħ tagħha u dak ta' ABB kien paragunabbli mad-differenza bejn id-dħul mill-bejgħ ta' Siemens u ta' Hitachi, ikklassifikati t-tnejn fl-ewwel kategorija b'koeffiċjent ta' dissważjoni ta' 2.5.

186 Min-naħa l-oħra, d-differenzi bejn id-dħul mill-bejgħ tal-impriżi li jappartjenu għall-ewwel u għat-tieni kategoriji kif ukoll dawk li jappartjenu għat-tieni u t-tielet kategoriji huma ogħla b'mod sinjifikattiv mid-differenza bejn id-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti u ta' ABB.

187 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għall-approċċ tagħha, għalhekk kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, ir-rikorrenti tikkunsidra li fattur multiplikatur ta' dissważjoni ta' 1.25 għandu jiġi applikat lilha mill-Qorti Ġenerali nnifisha bħal fis-sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 66 hawn fuq (EU:T:2004:118).

188 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

189 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-punt 320 tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 70 hawn fuq (EU:T:2011:68), li l-koeffiċjenti ta' dissważjoni ddeterminati fid-Deċiżjoni tal-2007, li jirreferu għalihom il-premessi 70 u 71 tad-deċiżjoni kkontestata, huma proporzjonali għad-dħul mill-bejgħ tal-impriżi kollha kkonċernati bl-eċċezzjoni ta' Siemens, li għaliha l-proporzjon tonqos peress li ġie applikat għaliha l-istess koeffiċjent bħal Hitachi, għalkemm id-dħul mill-bejgħ mondjali tagħha fl-2005 kien ta' EUR 6 biljuni iktar minn dak ta' Hitachi.

190 Dejjem skont il-punt 320 tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 70 hawn fuq (EU:T:2011:68), tali proporzjonalità tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 338 tas-sentenza tal-5 ta' April 2006 Degussa vs Il-Kummissjoni (T-279/02, Ġabra, EU:T:2006:103), skont liema l-klassifikazzjoni tal-impriżi f'kategoriji għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' dissważjoni, skont il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandu jkun oġġettivament iġġustifikat.

191 Bl-istess mod, fil-punt 322 tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 70 hawn fuq (EU:T:2011:68), il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala irrelevanti s-sentenza Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, punt 66 hawn fuq (EU:T:2004:118), invokata f'dan il-każ mir-rikorrenti, peress li din tal-aħħar kienet ingħatat f'ċirkustanzi fattwali differenti.

192 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-koeffiċjent ta' dissważjoni tar-rikorrenti kien iddeterminat skont metodu oġġettivament iġġustifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-Kummissjoni li tpoġġiha f'kategorija separata, milli tpoġġiha fl-istess kategorija bħal ABB.

193 Konsegwentement, l-ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità għandhom jiġu miċħuda.

194 Sa fejn ir-rikorrenti ma kinitx suġġetta għal trattament mhux ugwali, il-Kummissjoni ma kinitx marbuta li tipprovdi ġustifikazzjoni speċifika dwar id-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' dissważjoni tagħha.

195 Barra minn hekk, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 70 hawn fuq, jirriżulta mill-punti 310 sa 317 tas-sentenza Siemens vs Il-Kummissjoni, punt 70 hawn fuq (EU:T:2011:68), li, fil-premessa 491 tad-Deċiżjoni tal-2007, il-Kummissjoni spjegat b'mod suffiċjenti fid-dritt il-punti li ttieħdu inkunsiderazzjoni għaż-żieda tal-ammonti inizjali tal-multi għall-finijiet ta' dissważjoni. Peress li din il-konstatazzjoni hija trasponibbli għall-koeffiċjent ta' dissważjoni impost fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi konkluż li din tal-aħħar kienet f'pożizzjoni li tkun taf il-ġustifikazzjoni ta' dan l-argument fir-rigward tal-ammont inizjali tal-multa tagħha u li tinvoka d-drittijiet tagħha u li l-Qorti Ġenerali qiegħdha f'pożizzjoni li teżerċita l-istħarriġ tagħha.

196 Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif ukoll it-tieni motiv fl-intier tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

197 Peress li l-motivi kollha invokati insostenn tat-talba prinċipali ġew miċħuda, it-talba prinċipali għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

Fuq it-talba sussidjarja intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa

198 Permezz tat-talba sussidjarja tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali temenda l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tirrevoka jew, alternattivament, tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha.

199 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-talba sussidjarja ma hijiex sostnuta minn motivi jew argumenti differenti minn dawk imressqa insostenn tat-talba prinċipali. Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u fin-nuqqas ta' punti oħra f'dan il-każ tali li jwasslu għar-revoka jew, alternattivament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, ma hemm l-ebda ħtieġa, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali, li tilqa' t-talba sussidjarja.

200 Għalhekk, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

201 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Mitsubishi Electric Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Kanninen Pelikánová Buttigieg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Jannar 2016.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 1

Il-Proċedura u t-talbiet tal-partijiet 4

Fuq id-dritt 5

Fuq it-talba prinċipali intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata 5

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti 5

Fuq l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-dirttijiet tad-difiża tar-rikorrenti 6

Fuq l-ilmenti bbażati fuq il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata 8

Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D sabiex jinqasmu bejn ir-rikorrenti u Toshiba 11

Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni tal-ammont inizjali tar-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D 12

Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-metodu ta' allokazzjoni tal-ammont inizjali tar-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T&D 14

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-iffissar tal-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D saviex jinqasmu bejn ir-rikorrenti u Toshiba 17

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità peress li l-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-multa tar-rikorrenti bl-istess mod bħall-multi tal-produtturi Ewropej 19

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball meta naqset li tqis l-elementi ta' prova tekniċi u eknomiċi meta ddeterminat l-impatt tal-imġiba tar-rikorrenti fil-kalkolu tal-ammont tal-multa tagħha 21

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-kalkolu tal-koeffiċjent ta' dissważjoni 24

Fuq it-talba sussidjarja, intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa 25

Fuq l-ispejjeż 25